MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 234/2013

**Sahara International Limited [C 28793] u Michael J. Scicluna [I.D. 92252 M]**

**Vs**

**Vetres S.r.l.**

Permezz ta' rikors prezentat fit-8 ta' Marzu 2013, l-atturi ppremettew u talbu:-

> ***I.*** *Illi l-atturi inkarigaw lill-kumpannija konvenuta sabiex timmanifattura zewg tankijiet tat-tip GRP (Glass Reinforced Plastics), skond specifikazzjonijiet partikolari (**DOK: A**), u sabiex tikkonsenjhom gewwa*

*Malta, biex dawn ikunu jistghu jigu nstallati mill-istess atturi gewwa l-Marina Hotel (Corinthia Beach Resort), gewwa l-Bajja ta' San Gorg, San Giljan;*

***II.*** *Illi l-prezz totali mifthiem bejn il-kontendenti ghal dan l-appalt kien dak ta' erba' u tletin elf hames mija u sittin Ewro (€34,560), inkluz it-trasport ghal Malta, li l-atturi hallsu permezz ta' zewg pagamenti akkont, fl-ammont ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) kull wiehed, u permezz ta' pagament finali fl-ammont ta' erbatax-il elf hames mija u sittin Ewro (€14,560);*

***III.*** *Illi, effettivament, iz-zewg tankijiet hawn fuq imsemmija gew immanifatturati u kkonsenjati gewwa Malta mill-kumpannija konvenuta, u l-atturi installaw l-istess gewwa l-Marina Hotel (Corinthia Beach Resort) kif pjanat;*

***IV.*** *Illi, madanakollu, ftit wara li l-imsemmija tankijiet gew installati, rrizulta illi dawn ma kienux qieghdin jiffunzjonaw kif imwieghed u pattwit mill-kumpannija konvenuta, billi kienu qieghdin jitilfu l-ilma, u konsegwentement ma kienux qieghdin jaqdu l-funzjonijiet illi ghalihom kienu gew ordnati mill-atturi;*

***V.*** *Illi minkejja li l-kumpannija konvenuta baghtet diversi rapprezentanti taghha gewwa Malta, f'diversi okkazjonijiet differenti, sabiex jahdmu fuq dawn it-tankijiet sabiex jipprovaw isibu soluzzjoni ghal din il-problema, din baqghet qatt ma nstabet mill-istess kumpannija konvenuta u ghalhekk it-tankijiet immanifatturati u kkonsenjati minnha ghadhom sallum m'humiex qieghdin jaqdu l-funzjonijiet illi ghalihom gew ordnati mill-atturi;*

***VI.*** *Illi l-atturi gja' sofrew, u ghandhom qieghdin isofru, danni konsiderevoli, b'konsegwenza tal-inadempjenza tal-kumpannija konvenuta fir-rigward tal-appalt li gie moghti lilha minnhom;*

***VII.*** *Illi minkejja li l-kumpannija konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tirrendi z-zewg tankijiet minnha mmanifatturati u kkonsenjati funzjonabbli skond kif imwieghed u pattwit, l-istess kumpannija konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.*

***VIII.****Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

***I.*** *Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex, f'dak iz-zmien qasir u perentorju li tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, u taht id-direzzjoni u s-supervizjoni ta' Inginier li jigi nominat ghall-istess skop, taghmel u tezegwixxi, a spejjez taghha, dak kollu necessarju sabiex iz-zewg tankijiet minnha mmanifatturati u kkonsenjati gewwa Malta, u prezentement installati gewwa l-Marina Hotel (Corinthia Beach Resort), gewwa l-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, jigu rezi funzjonabbli kif imwieghed u pattwit mill-*

*istess kumpannija konvenuta, u f'kaz illi l-kumpannija konvenuta tonqos milli taghmel dan f'dak iz-zmien perentorju sabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, tawtorizza lill-atturi sabiex jezegwixxu, okkorendo bl-opera tal-istess Inginier nominat, dawn l-istess xogholijiet a spejjez ta' l-istess kumpannija konvenuta;*

***II.*** *Tiddikjara, alternattivament, illi t-tankijiet tat-tip GRP (Glass Reinforced Plastics), immanifatturati u kkonsenjati gewwa Malta mill-kumpannija konvenuta, u li huma prezentement installati gewwa l-Maria Hotel (Corinthia Beach Resort), gewwa l-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, m'humiex jiffunzjonaw kif imwieghed u pattwit, u konsegwentement tordna r-rizoluzzjoni tal-kuntratt tal-appalt li gie moghti mill-atturi lill-istess kumpannija konvenuta;*

***III.*** *Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' erba' u tletin elf hames mija u sittin Ewro (€34,560) rapprezentanti l-prezz li gie mhallas mill-istess atturi lill-istess kumpannija konvenuta ghall-appalt meritu tat-tankijiet immanifatturati u kkonsenjati gewwa Malta mill-kumpannija konvenuta;*

***IV.*** *Tordna lill-kumpannija konvenuta sabiex tnehhi z-zewg tankijiet minnha mmanifatturati u kkonsenjati gewwa Malta minn gewwa l-Marina Hotel (Corinthia Beach Resort), gewwa l-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, kif ukoll illi tirripristina l-lukanda fl-istat originali taghha b'konsewgenza tat-tnehhija tal-istess tankijiet, f'dak iz-zmien qasir u perentorju li jigi iffissat minn din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, okkorrendo taht id-direzzjoni u s-supervizjoni ta' l-istess Inginier nominat, a spejjez ta' l-istess kumpannija konvenuta, u f'kaz illi l-kumpannija konvenuta tonqos milli taghmel dan f'dak iz-zmien perentorju sabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, tawtorizza lill-atturi sabiex jezegwixxu, okkorendo bl-opera tal-istess Inginier nominat, dawn l-istess xogholijiet a spejjez ta' l-istess kumpannija konvenuta;*

***V.*** *Tiddikjara illi l-kumpannija konvenuta hija responsabbli ghad-danni konsegwenzjali kollha li gew sofferti mill-atturi;*

***VI.*** *Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi;*

***VII.*** *Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas id-danni hekk likwidati lill-atturi.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-kumpannija konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Il-kumpannija konvenuta ma wegbitx.

Il-qorti semghet il-provi.

Fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Ottubru 2014, **Lawrence Cachia** xehed li:-

*Fl-1 ta' Awwissu 2012 beda jahdem fil-Corinthia Marina ta' San Giljan bhala Maintenance Manager. Mill-bidunett sab il-problema ta' leak fiz-zewg tankijiet tal-ilma tal-mishun li pprovdew l-atturi. Qal li l-calorifiers ghandhom kapacita' ta' hamest elef litru, huma pressurized bil-pompi tal-ilma u jinsabu fil-plant room tal-lukanda.*

*Lawrence Cachia jkompli jixhed illi, ftit wara li beda jahdem fil-Corinthia Marina, ghamlu sistema ta' solar panelling. Spjega wkoll li wiehed mit-tankijiet kienu nehhewlu l-pressure u sostna illi tank minghajr pressure mhux suppost ikollu leakage. Cachia qal li wiehed minn dawn it-tankijiet m'humiex jaghmlu uzu minnu u jinsab maghluq. Qal ukoll illi, ghalkemm hu ma jafx x'inhi l-kompozizzjoni ezatt tal-prodott, jaf li dawn it-tankijiet huma maghmula mill-fibre u li hemm closed circuit bejn il-boiler u t-tank.*

*Kompla jghid li llum il-gurnata huma qeghdin juzaw tank wiehed biss li m'ghandux x'jaqsam xejn mat-tankijiet oggett tal-kawza, filwaqt li tank wiehed minn dawn iz-zewg tankijiet qed jintuza ghas-sistema tas-solar panels pero' dan it-tank m'huwiex pressurized u sostna li b'hekk ma jkunx hemm leak. Cachia qal illi huma spiccaw jaghmlu bottijiet u trays ma' l-art madwar dawn it-tankijiet sabiex jilqghu l-ilma. Illum il-gurnata, m'ghandhomx b'din il-problema minhabba l-fatt illi m'humiex juzawhom bi pressa.*

*Qal li xi xahar u nofs ilu kien hemm il-hsara fis-sistema tal-pannelli u li t-tank li qed jintuza u li nstallat il-kumpanija attrici qed jintuza biss bhala, minghajr l-uzu ta' pressure. Semma wkoll illi kull darba li regghu ppruvaw jifthu l-valve bil-pressure dan it-tank rega' beda jaghmel il-leak u ma kellhomx triq ohra ghajr illi jaghlquh. Hemm 'il biza' li jekk it-tankijiet jibqghu jintuzaw bil-pressa, jisplodu minhabba l-fatt illi huma maghmula mill-fibre.*

*F'Settembru tas-sena 2012 tkellem mal-attur Scicluna dwar il-problema. Spjega wkoll li kien ra t-tankijiet persuna li gie minn barra izda t-tankijiet baqghu bl-istess problema.*

Meta Michael Scicluna u Bonaventura Farrugia xehedu (seduta tal-10 ta' Novembru 2014), ipprezentaw dikjarazzjoni tal-fatti li kkonfermaw bil-gurament.

**Michael Scicluna** qal:-

*Sahara International Limited nghatat l-inkarigu biex tinstalla zewg custom-made calorifiers. Dawn it-tankijiet jigu mmanifatturati mill-kumpannija estera Vetres S.r.l. Kull calorifier jiswa €17,280.00, li kien jinkludi t-trasport bejn l-Italja u Malta, total ta' €34,560.00. Scicluna qal illi hu spicca jhallas lil*

*Sahara International Limited l-ammont totali ta' €35,860, minhabba l-ispejjez li gew inkorsi sabiex dawn il-calorifiers hargu mill-port f'Malta u twasslu gewwa l-Corinthia Marina Hotel. F'Awwissu 2010 tlesta t-tqeghid tat-tankijiet, u wara rrizultax li kien qieghed johrog l-ilma minnhom.*

*Spjega li dawn it-tankijiet jsahhnu l-ilma permezz ta' coil u wara, bl-ilma shun, jissupplixxi l-kmamar tal-lukanda permezz ta' pompi appozita.*

*F'Settembru tal-2011 ircieva rapport mill-Corinthia Marina Hotel li t-tankijiet kienu qeghdin jitilfu l-ilma minn taht. Scicluna mar u vverifika li fil-fatt kien kollu minnu u hu mill-ewwel talab lid-direttur ta' Sahara International Limited, Arthur Farrugia sabiex jaghmel kuntatt mal-Vetres S.r.l. sabiex isibu soluzzjoni.*

*Minkejja diversi weghdiet, spezzjonijiet u xogholijiet li saru, sew mill-Vetres S.r.l. u kumpannija estera ohra Carbon Compositi S.r.l., huma baqghu qatt ma solvew il-problema. Fuq din, is-sidien tal-Corinthia, minbarra li ma hallsux lil Scicluna ta' dan ix-xoghol u tal-accessorji li huwa installa, li jigi fl-ammont ta' €10,229.27, kienu ghamlu pressjoni kbira fuq Scicluna sabiex jibdel dawn iz-zewg tankijiet bi tnejn ohra u li jkunu jiffunzjonaw kif suppost u li fl-ahhar laqgha li kellu ma' tal-Corinthia, huma sostnew ma' Scicluna li ma kienux disposti li jistennew aktar, u li kienu ser ifittxuh b'kawza skond il-ligi. Fuq din Scicluna ma kellux alternattiva ohra hlief illi jipprovdi lill-Corinthia Marina Hotel b'zewg calorifiers ohra (bi prezz iktar gholi) u li, fil-fatt, Scicluna qed jistenna l-konferma minghand l-istess Hotel sabiex jipprocedi billi jinstalla zewg tankijiet ohra manifatturati minn terzi. Madanakollu, il-Corinthia Marina Hotel qed tirrifjuta illi thallas din is-somma il-gdida (€11,066.04) minhabba l-inkonvenjent kollu li hija sofriet matul dawn l-ahhar erba' snin. B'hekk Michael J. Scicluna jkompli jghid illi huwa sofra danni fl-ammont ta' €22,595.31.*

**Bonaventura Farrugia** qal:-

*F'Marzu tas-sena 2009, Farrugia kien gie mitlub mill-Inginier Michael Scicluna sabiex jitlob offerta minghand Vetres S.r.l. ghal zewg tankijiet, imsejha calorifiers, li kienu talbuh s-sidien tal-Corinthia Marina Hotel. Bejn Marzu 2009 u Novembru 2009 kien gie Malta certu Lino Nassivera, rapprezentant tas-socjeta' Vetres S.r.l., sabiex jispezzjona l-post fejn kienu ser jitwahhlu dawn il-calorifiers, u biex jiddiskuti fil-fond id-dettalji teknici. Wara giet ikkonfermata l-fattura mahruga minn Vetres S.r.l. datata 4 ta' Novembru 2009 ghal zewg calorifiers, li kienet tammonta ghal €34,560.00.*

*Farrugia semma illi fil-bidu ta' Settembru 2011 kellhom l-ewwel sinjal li kien hemm problema fit-tankijiet peress illi beda hiereg l-ilma. Farrugia, flimkien ma' Scicluna, mar jarahom u sab li taht it-tank kien hemm qtar tal-ilma li kien niezel minn taht nett tat-tank. Ghalhekk avza lil Lino Nassivera tal-Vetres S.r.l., li gie Malta fit-30 ta' Settembru 2011 biex jara l-hsara. Ir-*

*rapprezentant tal-Vetres S.r.l. issuggerixxa li jsir xoghol fuq dawn it-tankijiet u saru modifikazzjonijiet kif indikat minnu. Madankollu xorta baqa' johrog l-ilma. Rega' sar kuntatt ma Nassivera u fil-15 ta' Novembru 2011 baghat Malta lil certu Bettinelli. Dan spezzjona l-calorifiers minn gewwa u ghamel tiswijiet fil-fibreglass. Wara li l-calorifiers imtlew bl-ilma rega' beda jipperkola l-ilma. Bettinelli rega' gie Malta u fil-25 ta' Novembru 2011 rega' ghamel xoghol ta' tiswija bil-fiberglass. Madankollu il-problema baqghet hemm. Nassivera rega' gie avzat u fil-25 ta' Frar 2012 baghat zewg teknici ohra li ghamlu xogholijiet fuqhom bil-ghan li l-problema tigi eliminata. Wara xi zmien jahdmu, il-calorifiers regghu bl-istess problema. Imbaghad fit-12 ta' Settembru 2012 rega' sar xi xoghol fuqhom minn rapprezentant ta' Carbon Compositi S.r.l. fuq inkarigu tal-konvenuta, izda l-calorifiers baqghu jaghmlu l-ilma.*

*Farrugia spjega illi s-socjeta' Sahara International Limited ghamlet talba lis-socjeta' Vetres S.r.l. ghal hlas tal-materjal biex jittrangaw dawn it-tankijiet, izda l-istess socjeta' Vetres qatt ma hallset dawn il-kontijiet. Fl-ahharnett qal li wiehed mill-calorifiers m'ghadux jintuza filwaqt illi l-iehor jinzamm biss bhala reservoir.*

Fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2014 l-atturi rrinunzjaw ghall-ewwel talba.

L-atturi jsostnu li l-ftehim li ghamlu mal-konvenuta kien appalt. Bonaventura Farrugia xehed li t-tankijiet li l-konvenuta mmanifatura huma ***'custom built'***. Jidher ghalhekk li n-negozju ma kienx semplici ghazla ta' oggett li l-konvenuta timmanifattura fil-produzzjoni ordinarja taghha. Il-qorti taccetta t-tezi tal-atturi li n-negozju guridiku bejn il-kontendenti jiehu x-xehta ta' appalt.

Kif konfermat mill-gurisprudenza:-

*"[.....] min jindahal ghal bicca xoghol ghandu l-obbligu li jassikura illi l-prestazzjoni tieghu tkun sejra issir utilment u mhux b'mod li tikkontjeni id-difetti. Hu, anzi, ammonit illi "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'il quddiem". Ara "Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et nomine", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu, 1972. Dan jghodd sew ghall-appalt kif ukoll ghal locatio operis in kwantu f'dan ta' l-ahhar huwa annoverat l-appalt"* [**Marie Paul Wagner vs International Translation Agency Limited** deciza fit-30 ta' Ottubru 2009, Qorti tal-Appell (Inferjuri)].

Mill-provi rrizulta bl-iktar mod car li t-tankijiet tat-tip GRP (*Glass Reinforced Plastics*) li mmanifatturat il-kumpannija konvenuta ma kienux tajbin ghall-uzu mahsub. Hu evidenti li kellhom difett li l-kumpannija konvenuta ma setatx issib tarf tieghu. Ghalkemm ipprovat tirrimedja ghad-difett li kellhom, kull haga li pprovat falliet. Dan wassal sabiex it-tankijiet ma jistghux jintuzaw ghall-iskop ghalfejn inxtraw. Jidher li gie zmien fejn il-kumpannija konvenuta qatghet qalba u haslet idejha mill-problema. Dan ovvjament ma

kellux ikun. Gialadarba d-difett li certament hemm wassal sabiex it-tankijiet ma jkunux jistghu jintuzaw ghall-iskop ghalfejn saru, l-atturi ghandhom dritt li jitolbu li jinhall il-ftehim u jirkupraw il-flus li hallsu lill-konvenuta u d-danni li sofrew b'konsegwenza ta' dan kollu.

Parti mid-danni li jippretendi l-attur Scicluna tinkludi s-somma ta' **€11,066.04**:

*"Remove the existing calorifiers from site and install two new calorifiers complete with all the required pipe work, fittings, lagging and cladding with aluminium sheets as required"* (ara Dok. MS6).

Jirrizulta li l-attur ser ikollu jaghmel ix-xoghol darb'ohra u ser jerga' ma jithallasx.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tiddikjara li z-zewg tankijiet GRP (Glass Reinforced Plastics) li ordnat minghand il-konvenuta ma jahdmux kif imwieghed u pattwit.**

2. **Thassar il-kuntratt li sar bejn il-kontendenti.**

3. **Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' erbgha u tletin elf u hames mija u sittin ewro (€34,560), prezz li thallas lill-konvenuta. Bl-imghax mil-lum.**

4. **Tilqa' r-raba' talba u tiffissa terminu ta' tletin (30) jum sabiex il-konvenuta tnehhi t-tankijiet ghas-spejjez taghha. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu x-xoghol huma.**

5. **Tilqa' l-hames talba u tillkwida d-danni dovuti:**
   - **(i) lill-attur <u>Michael Scicluna</u> fis-somma ta':**
     - **(a) elf u tlett mitt ewro (€1,300) spejjez relatat mal-garr tal-calorifiers mill-port meta waslu Malta sal-post fejn gew installati;**
     - **(b) ghaxart elef mitejn u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€10,229.27) hlas ghax-xoghol li ghamel fl-istallazzjoni tal-calorifiers u li baqa' ma thallasx minhabba li l-calorifiers kienu difettuzi;**
     - **(c) hdax-il elf sitta u sittin ewro (€11,066) hlas sabiex jitnehhew iz-zewg calorifiers oggett tal-kawza, u t-tqeghid tal-calorifiers godda.**
   - **(ii) lil Sahara International Limited fis-somma ta' sitt elef seba' mija u seba' u sebghin u tnejn u disghin centezmu (€6,777.92) li jirreferu ghall-spejjez li ghamlet ghal**

**tiswijiet li saru fuq il-calorifiers oggett tal-kawza[1].**

6. **Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi d-danni likwidati, bl-imghax mil-lum. B'dan li s-somma ta' €11,066 tkun dovuta hekk kif l-attur ipoggi l-calorifiers godda u l-inginier Emanuel Scerri jiccertifika bil-miktub li x-xoghol rega' sar. Minn dakinhar jiddekorri l-imghax fuq din is-somma. Spejjez relatati man-nomina tal-inginier Scerri huma provizorjament a karigu tal-atturi bi dritt li jirkuprawhom minghand il-konvenuta.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Bonaventura Farrugia xehed: *"….. tul dan iz-zmien ta' tiswijiet, konna qed naghmlu aktar spejjez fejn xtrajna materjal sabiex it-teknici Taljani setghu jahdmu, kif ukoll spejjez ta' gaskets godda u tindif, barra x-xoghol biex jergghu jitwahhlu l-konnessjonijiet tal-manholes u tat-tubi tal-ilma bhala dhul u hrug. Dawn l-ispejjez jammontaw ghal €6,777.92…….".*